bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali

MAĠISTRAT ANTONIO MIZZI

Il-Pulizija
(Sp David Saliba)
vs
Jason Mizzi, iben Charles,
imwieled l-Ingilterra fis-26 ta'
settembru, 1970

Illum, 29 ta' lulju, 2002

Il-Qorti,
Rat l-akkużi kontra l-imputat –

1. talli fl-għassa tal-pulizija tal-Qawra, għal ħabta tal-11.00 a.m., fit-12 ta' settembru, 2001 u fi-ġranet ta' wara, sabiex jikseb xi vantaġġ jew benefiċċju għalih inniffsu, jew għal ħaddieħor, f'xi dokument maħsub għal xi awtorita' pubblika, xjentement għamel dikjarazzjoni jew stqarrija falza, jew ta tagħrif falz dwar rapport ta' serq ta' speedboat tal-għamla VIP, li hija stmata li tiswa Lm4,500;
2. talli fl-istess żmien, ħin, lok u ċirkostanżi ddenunzja lill-pulizija esekuttiva reat li jaf li ma kienx sar, inkella bil-qerq ħoloq traċċi ta' reat b'mod li jistgħu jinbdew proċeduri kriminali sabiex jizguraw li dak ir-reat kien sar;
3. talli fl-istess żminijiet bil-ħsieb li jikseb għalik inniffsu jew għal ħaddieħor il-ħlas ta' flus ta' sigurta' kontra r-riskji, jew xi qliegħ ieħor mhux mistħoqq, iddistruġġa, xerred 'l hawn u 'l hemm jew għarraq b'xi mezz li jkun ħwejjġu, għamel claim mal-kumpanija Rausi Insurance dwar serq ta' speedboat tal-għamla VIP li hija stamata li tiswa madwar Lm4,500 meta kien jaf li din mhux misruqa, u ta tagħrif falz lill-kumpanija Rausi Insurance.

Rat il-verbal tas-seduta tad-29 ta' lulju, 2002 fejn l-imputat ammetta l-akkużi kollha miġjuba kontra tiegħu.

Rat il-verbal tas-seduta fejn il-prosekuzzjoni nfurmat lill-Qorti li l-ispeedboat meritu ta' din il-kawża ngħata lura lill-imputat u il-'claim' li saret mal-kumpanija Rausi Insurance ġiet imwaqqfa mill-pulizija u din il-kumpanija ġiet risarċita ta' l-ispejjeż li għamlet.

Semgħet lill-avukat ta' l-imputat u lill-prosekuzzjoni dwar il-piena.

Għaldaqstant, issib lill-imputat ħati tal-akkużi kollha miġjuba kontra tiegħu. Rat

l-artikoli 110(2), 188 u 295 tal-Kodiċi Kriminali u tikkundannah għal ħlas ta' multa ta' erba' mitt liri maltin (Lm400).